# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd
Ir-IV Ħadd tal-Avvent
Sena A

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tar-Raba' Ħadd tal-Avvent. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tgħidilna li l-miġja tal-Iben t'Alla fostna bħala bniedem salvatna u eventwalment trid twassalna għall-Ħajja ta' Dejjem.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 7, 10-14)
Il-profeta Isaija jħabbar b'mod mill-aktar qawwi li l-Iben t'Alla kellu jitwieled minn Marija.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (Rum 1, 1-7)
Il-miġja tal-Iben t'Alla fostna tatna l-grazzja li nxandruH lill-oħrajn u ngħixu f'għaqda ta' mħabba bejnietna bħala membru tal-Knisja tiegħU.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 1, 18-24)
It-tnissil ta' Ġesù Kristu tassew ġab il-fidwa fost il-bnedmin għax kien b'dan il-mod li Alla ingħaqqad mal-bnedmin.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
San Pawl qalilna li huwa fid-dmir tagħna li ngħixu l-fidi b'impenn u nxandruha lill-oħrajn. Ejjew għalhekk noffru l-esperjenzi u l-ħidmiet tagħna lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-għixien tal-fidi jitlob tama sħiħa fil-qawwa ta' Alla. Din il-qawwa nirċevuha fit-Tqarbin.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.